MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 351/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**
**[Spettur Daniel Zammit]**
**Vs**
**Pierre Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 37765M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-Imsida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-8 ta' Marzu, 2008 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data, direttament jew indirettament, huw innifsu jew bil-mezz ta' haddiehor ghaih, uza jew hedded li juza forza, vjolenza jew restrizzjoni, jew ikkaguna, hu innifsu jew bil-mezz ta' haddiehor, offiza, dannu, hsara jew telf temporali jew spiritwali fuq il-persuni jew kontra l-persuni ta' Kristylee Bezzina u Anthony Zammit sabiex ihajjar jew igieghel lil dawn il-persuni jivvotaw jew ma jivvotawx, jew minhabba li dawn il-persuni kienu ivvotaw jew ma kienux ivvotaw fl-elezzjoni generali tat-8 ta' Marzu, 2008, jew b'serq tal-

persuna, bi vjolenza, jew b'att jew mezz qarrieqi, impedixxa jew ma halliex l-ezercizzju liberu tal-jedd tal-vot ta' l-eletturi fuq im semmija, jew b'hekk gieghel, hajjar jew ippersada lill imsemmija eletturi biex jaghtu jew biex ma jaghtux il-vot taghhom fl-elezzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2010, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta'Lulju, 2010 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghti l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata ta' ipotezi tal-ligi ; apprezzament zbaljat u inkomplet tal-provi tal-kaz kif ukoll ma ppermettietx lill-prosekuzzjoni tikkonfronta skond il-ligi lix-xhud bi stqarrija li ghamlet precedentement u konsegwentement ghaddiet sabiex tillibera lill-imputat ;

Illi jinghad mill-ewwel illi l-Avukat Generali m'ghandux ilment x'jaghmel dwar l-apprezzament tal-Ewwel Qorti ghax-xhieda ta' Anthony Zammit.

Illi fir-rigward ta' Kristylee Bezzina, l-ewwel Qorti konkludiet fis-sentenza taghha illi :

*'F'dan il-kaz, Krystylee Bezzina irrepetiet ghal darba darbtejn li hija vvuta bil-mod li riedet u xtaqet hi u meta giet mistoqsija jekk l-imputat meta wassalha sabiex tivvota*

*kienx indahlilha dwar kif ghandha tivvota hija rrispondiet bis-segwenti kliem 'Speci xorta li rrid jien nivvota speci'... ... u meta wiehed jabbina dan il-fatt ma dak li ntqal minn Bezzina dwar il-mod kif kienet ivvutat u cioe` li hija kienet deciza dwar lil min kellha tivvota u fil-fatt ivvutat lil min riedet hi, wiehed zgur ma jistax jasal biex jikkonkludi li l-agir ta' l-imputat fil-konfornti ta' Kristylee Bezzina jammonta ghal influenza illegali kontemplata fl-artikolu 55 tal-Kap. 354 tal-Ligijiet ta' Malta'*

Illi bid-dovut rispett jinghad illi l-Ewwel Qorti manifestament interpretat hazing l-elementi tar-reat skond l-Artikolu 55 tal-Erbatax il-Skeda tal-Kap.354 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher car li l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li biex jirrizulta r-reat de quo kien mehtieg li l-prosekuzjoni tipprova li Kristylee Bezzina, fil-fatt ivvotat b'mod differenti minn dak kif riedet tivvota. Bir-rispett kollu, izda jirrizulta ampjament mid-definizzjoni tar-reati fl-imsemmi artikolu 55 li dan mhux element necessarju ghas-sejbien ta' htija ghall-istess reat u dan ghaliex jekk persuna effettivament tivvotax o meno, jew tivvotax lill-partit lit kun xtaqet hi o meno huwa manifestament irrelevanti ghall-finijiet ta' htija. L-element essenzjali ta' dan l-Artikolu, abbinanti ghal-kaz de quo, huwa li persuna, direttament jew inderettament, thajjar jew iggieghel lil dik il-persuna (u cioe` lil Kristylee Bezzina) tivvota jew ma tivvotax u kif effettivament tivvota huwa ghalhekk irrelevanti.

Illi mill-provi mismugha mill-Ewwel Qorti jirrizulta ampjament car illi Pierre Bartolo li huwa l-imghallem taghha, cempel lill-omm Kristylee Bezzina sabiex isaqsiha dwar id-dokument tal-vot taghha u meta kien infumat illi l-vot instab, hu wassalha personalment, u waqt il-hin tax-xoghol, sal-post tal-votazzjoni taghha sabiex hi tkun tista` tivvota. Di piu, Pierre Bartolo qalilha l-kliem li 'jekk jitilghu il-Labour nhar it-Tnejn tista` ma tidholx ghax-xoghol'. Illi anke stess, ghall-grazzja ta' l-argument biss, dan il-kliem intqal mill-appellant ghaliex (kif irriteniet l-Ewwel Qorti) *'kien irrabja maghha ghaliex hija kienet traskurata u hadet document tal-vot maghha Paceville tilfitu* [sic]' dan ukoll huwa bizzejjed sabiex jissodisfa l-element ta' l-artikolu de

quo ghaliex ir-rabja ma jirrizultax li hi xi difiza jew gustifikazzjoni kontra l-htija fic-cirkostanzi msemmija.

Illi l-fatt li Kristylee Bezzina effettivament ivvotat lill-Partit illi xtaqet hi m'hu l-ebda skuzant ghall-azzjonijiet ta' Pierre Bartolo, aktar u aktar fid-dawl tax-xhieda moghtija minnha stess fejn qalet illi hi ma kienitx behsiebha tmur tivvota dakinhar.

Illi l-Ewwel Qorti qalet ukoll li:

*'Il-Qorti jidhrila li l-fatt li xi hadd iheggeg lil persuna sabiex tmur tivvota jew jipprovdi mezz ta' transport li xi hadd sabiex imur jivvota ma jistax jitqies bhala influenza illegali jew corrupt practice ghaliex altrimenti l-ufficji Elettorali tal-Pratiti politici li per ezempju jwasslu lill-anzjani jew lil persuni b'dizabilita` jew lil person ohra li ma jkollhomx mezz ta' transport ikunu hatija ta' corrupt practice.'*

Illi l-ezempju tal-Qorti ma jregix. L-ewwel nett jinghad illi l-azzjonijiet ta' Pierre Bartolo, certament li jmu lilhinn minn semplici 'iheggeg persuna'. Fit-tieni lok, it-trasport provdut mill-ufficji elettorali tal-Partiti Politici huwa intiza ghal-dawk il-persuni li diga jkunu ddecidew li jixtiequ jivvutaw u li jkolljhom bzonn it-trasport biex imorru sal-post tal-votazzjoni. Fil-kaz in disamina, Kristylee Bezzina kienet iddecidiet li ma tixtieqx tivvota u ma kienitx hi li tablet lill-imghallem taghha sabiex jehodha fuq il-post tal-votazzjoni.

Illi jigi rilevat ukoll illi fil-kors ta' l-ezami tax-xhud Kristy lee Bezzina, il-prosekuzjoni tablet li tikkofronta lix-xhud bi stqarrija izda din it-talba, fuq oggezzjoni tad-difiza, giet michudha. Di fatti a fol 37 ta' l-Atti processwali, hemm testwalment hekk:-

'*Ri ezami*

*Pros:* *Ha naqralha parti mill-istqarrija…*
*Difiza:* *Le, ma tistax taqralha parti mill-istqarrija.*
*Qorti: Ma tistax, ghandek ix-xhud ma titstax taqra stqarrijiet.'*

Illi l-esponent jissottometti illi dan imur kontra dak li jipprovdu l-aritkoli 583 u 584 tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat jiggestixxi negozju u kellu bhala mpjegati certu Anthny Zammit maghruf bhala s-Sej u Christy Lee Bezzina. Fit-3 ta' Mejju, 2008 l-Onorevoli Deputat Anglu Farrugia ghadda rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn fost affarijiet ohra allega illi Anthony Zammit kien ghamel dikjarazzjoni mieghu li fiha qal u spjega li hu gie mhedded minn Pierre Bartolo li kien l-imghallem tieghu sabiex fl-elezzjoni tat-8 ta' Marzu, 2008 jivvota lill-partit nazzjonalista u jekk ma jaghmilx hekk hu kien se jigi mkecci mil-impjieg tieghu. Fis-Sentenza taghha tat-13 ta' Lulju, 2010 il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx dawn l-allegazzjonijiet ta' Anthony Zammit bhala veritjiera u ma ghabbietx lill-appellat bir-responsabilta ta' dak allegat.

L-Avukat Generali m'ghandux ilment x'jaghmel dwar l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti ghax-xhieda ta' Anthony Zammit pero' dehrlu li ghal dak li jirrigwardja Christy Lee Bezzina l-ewwel Qorti ghamlet enunzjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-Ligi, apprezzament zbaljat u nkomplet tal-provi illi rrizultaw quddiemha.

Ikkunsidrat.

Christy Lee Bezzina wkoll kienet tahdem ma l-appellat u spjegat illi dak inhar tat-8 ta' Marzu, 2008 l-imghallem taghha l-appellat staqsiha jekk kienetx marret tivvota u hi qaltlu li ma marritx peress li kienet tilfet id-dokument tal-vot. L-appellat cempel lil ommha u staqsiha fuq il-vot tat-tifla u wara ftit mumenti ommha regghet cemplet lil Bartolo li d-dokument kien instab. X'hin sema' hekk Bartolo qal lil Bezzina illi jekk ma tivvutax u jitilghu l-Labour Party it-Tnejn ta' wara setghet ma tmurx ghax-xoghol u wara,

waqt il-hin tax-xoghol, akkumpanjha personalment sal-post tal-votazzjoni biex tkun tista tivvota.

Din id-darba ma kienx hemm dubju dwar id-dikjerazzjoni ta' l-appellat pero' l-ewwel Qorti xorta deherilha illi ma kellux jerfa responsabilita ta' dik id-dikjerazzjoni peress li Christy Lee Bezzina stqarret illi hi xorta ivvutat kif riedet u cioe' "li hi kienet deciza dwar lil min kellha tivvota u fil-fatt ivvutat lil min riedet hi. " Fuq dan l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni illi ma setghetx tasal ghal konkluzjoni li l-agir ta' l-imputat fil-konfront ta' Christy Lee Bezzina jammonta ghal influwenza llegali kontemplata fl-Artiklu 55 tal-Kap 354 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali ma qabilx ma din il-konkluzjoni peress argumenta illi sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-Ligi, kien immaterjali kif il-persuna vvutat,l-importanti kien illi sar attentat biex ikun influwenzat il-vot, allura f'dan il-kaz ir-reat huwa sodisfatt.

Ikkunsidrat.

Ma hemmx dubbju illi bhala l-imghallem ta' Christy Lee Bezzina l-appellat ghandu certa nfluwenza fuqha u dak inhar ta' l-elezzjoni veru illi qalilha l-kliem "jekk jitilghu il-Labour nhar it-Tnejn tista ma tidholx ghax-xoghol". Bartolo ma kienx persuna ordinarja li kien qieghed jghid dan id-diskors izda l-imghallem ta' Bezzina li qieghed jghidilha li kien hemm dubju serju dwar il-post tax-xoghol taghha jekk tivvota b'certa mod. Ix-xoghol hija xi haga prezzjuza ghal bniedem u l-Gvernijiet kollha jistinkaw kemm jistghu sabiex ipoggu atmosfera fejn kemm jista' jkun ikun hemm nies jahdmu, izda ma jistghux jirnexxu ghal kullhadd u nvarjabilment ikun hemm ammont ta' nies bla xoghol. Ghalhekk meta persuna jkollha x-xoghol tibza ghal dak il-psot ghax minnha jiddependi l-ghajxien taghha. Quindi, dikjerazzjoni bhal din illi ghamel l-appellat ma tistax ma tittehidx bis-serjeta u tnissel ammont ta' preokkupazzjoni lil min tkun ndirizzata. Din il-preokkupazzjoni hija bizzejjed biex tnizzel il-vot tal-Ligi peress illi dak li jkun jinhasad u jahsibha darbtejn x'jaghmel. L-Artiklu 55 tal-Kap 354 huwa wiesgha hafna

u fil-fatt jghid fost affarijiet ohra, “Kull min direttament jew indirettament . . . juza restrizzjoni jew jhedded illi jikkaguna . . . dannu, hsara jew telf ta’ temporali . . . kontra persuna sabiex ihajjar jew igieghel lil dik il-persuna tivvota jew ma tivvotax . . . jew jimpedixxi jew ma hhalix l-ezercizzju liberu tal-jedd tal-vot ta’ l-elettur . . . ikun hati tar-reat ta’ uzu ta’ nfluwenza llegali.”

Hawn hekk bl-agir tieghu l-appellat qieghed jhedded restrizzjoni hsara temporali u ma halliex l-ezercizzju liberu tal-jedd tal-vot ta’ l-elettur. Kif tajjeb qal l-Avukat Generali il-fatt illi fl-ahhar mill-ahhar Christy Lee Bezzina ivvutat kif riedet ma jfissirx illi l-vot tal-Ligi ma giex sodisfatt. Il-fatt biss illi sar dak id-diskors fic-cirkostanzi li sar minn imghallem lejn l-impjegati tieghu bit-theddida tax-xoghol allura dana jwassal ghal influwenza llegali peress illi l-elettur ma thalliex fl-ezercizzju liberu tal-jedd tal-vot. Il-paragun ma l-operat tad-diversi partiti waqt l-elezzjoni sabiex iwasslu n-nies jew anzjani jew morda fuq il-post tal-vot sabiex jivvotaw m’ghandux xejn x’jaqsam ma dan il-kaz. F’dak il-kaz ma jsir l-ebda influwenza fuq il-votant,ma jkun hemm l-ebda theddid ghal xoghol jew weghda ta’ benefeccji, izda huwa servizz provdut mill-partiti lilmin irid sabiex ikunu jistghu jaqdu d-dover taghhom bhala eletturi. Dan il-kaz huwa ferm differenti, l-appellat wassal lill-Christy Lee Bezzina fil-post tal-votazzjoni bit-theddida mdendla illi se titlef ix-xoghol taghha u hija propju din ic-cirkostanzi li l-Ligi fis-severita taghha trid timpedixxi.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u l-appell ta’l-Avukat Generali jisthoq li jkun milhuq.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, thassar, tirrevoka u tannulla s-Sentenza appellata u wara li rat l-Artikli 55 u 57(1) tal-Kap 354 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara lill-Appellat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu fil-konfront biss ta’ Christy Lee Bezzina tikkundannah ghall-multa ta’ tmien mitt Euro (€800) bil-konsegwenzi msemmija fl-Artiklu 57(1) tal-Kap 354.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------